# Lkoll nagħtu sehemna

## Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljana – NCPE



**Ilni naħdem b'sigħat imnaqqsa ta' xogħol għal dawn l-aħħar ħames snin. Għandi żewġt itfal, wieħed ta' sitt snin u oħra ta' tliet snin. Minn meta rranġajt ma' min iħaddimni biex nibda naħdem bir-'reduced hours', stajt ngħin aktar fit-trobbija ta' uliedi filwaqt li nqatta' aktar ħin magħhom ngħinhom fix-xogħol tal-iskola u nilagħbu flimkien.**

Kif nispiċċa mix-xogħol ngħaddi għaż-żgħira fiċ-'childcare centre', li m'huwiex bogħod wisq minn fejn noqogħdu, u għall-kbir l-iskola. Niggustahom jiġu jirrakkontawli x'tgħallmu u x'għamlu fid-drama jew x'pinġew waqt il-krafts! L-attivitajiet li jagħmlulhom kemm l-iskola u anke fiċ-ċentru narahom li jgħinuhom ħafna biex ikomplu jiffurmaw il-karattru tagħhom.

Kif naslu d-dar, inħallihom jilagħbu ftit sakemm jien inlestilhom xi ħaġa ħafifa tal-ikel. Il-mara, li taħdem bħala inġinier, ikun fadlilha sagħtejn sakemm tirritorna lura d-dar u sa ma tiġi t-tifel il-kbir ikun lesta l-'homework'. Għalkemm nirsistilu biex ma jaħlix żmien, xorta niċċajtaw xi waħda 'l hawn u 'l hemm.

Il-mara tasal meta t-tifel il-kbir ikun sarlu l-ħin li twasslu d-duttrina jew xi attività oħra li jkollu. Wara jien u hi naqsmu bejnietna x-xogħol tad-dar – daqqa nsajjar jien u hi tagħmel xi tindif u drabi oħra hi tmur tixtri xi



bżonnijiet u jien nieħu ħsieb il-ħasil tal-ħwejjeġ. B'hekk ix-xogħol jinqasam aħjar u ma jaqax kollox fuqi jew fuq il-mara minħabba li t-tnejn li aħna naħdmu barra d-dar u fl-istess ħin irridu nieħdu ħsieb il-familja.

Qabel konna iżjed naraw lill-mara tieħu ħsieb lit-tfal u tagħmel il-bżonnijiet tad-dar. Għaliex ir-responsabbiltajiet tal-familja għandhom ikunu xi ħaġa tal-mara biss? Mela jien, bħala raġel, m'għandix l-istess dritt daqs il-mara li ngawdi l-familja u nkun parti minnha u mit-trobbija ta' wliedi?

Dan l-aħħar kont qed nara programm fuq it-TV li fih saħqu ħafna li kemm jien, bħala raġel, u anke l-mara għandu jkollna bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja u kif it-tnejn għandna nagħtu s-sehem ugwali tagħna. Kien hemm mistiedna l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) li fost l-oħrajn taħdem biex tippromwovi u tħares l-ugwaljanza bejn is-sessi f'diversi oqsma fosthom fuq il-post tax-xogħol biex il-ġenituri jkunu jistgħu jsibu bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja. L-NCPE tilqa' wkoll ilmenti dwar każi ta' diskriminazzjoni u tipprovdi taħriġ lil kull min jitlobha dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti.

Tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2590 3850, equality@gov.mt, jew permezz tal-Facebook – 'National Commission for the Promotion of Equality'.